MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 432/2005

**Ian Abela Fitzpatrick u Joseph Abela Fitzapatrick f' isimhom personali kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Mediterranean Coast Deliveries Company Limited (C 23640)**

**Vs**

**Michele Belfiore (Passaport Taljan AE4979807) u Angela Galata (Passaport Taljan AG4118259) f' isimhom personali u in rapprezentanza tas-socjeta` Denisley Limited (C 25783) kif ukoll fil-kwalita` taghhom ta` garanti in solidum flimkien ma` Lennart Ronnie Sjolander**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-Talba li biha l-atturi talbu li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu s-somma ta` disa` mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm925) rapprezentanti prezz ta` merce konsistenti f'xorb alkoholiku, inbejjed u xorb iehor mibjugh

u kkonsenjat lil Lennart Ronnie Sjolander in virtu` ta` skrittura privata tal-31 ta` Lulju 2003 liema prezz baqa` ma thallasx u ghalhekk huwa dovut mill-konvenuti fil-kwalita` taghhom ta` garanti in solidum flimkien mal-imsemmi Lennart Ronnie Sjolander ghall-obbligazzjonijiet kollha naxxenti mill-iskrittura privata de quo inkluz l-obbligazzjoni ghall-hlas tal-merce de quo, liema hlas baqa`ma sarx.

Ra r-risposta tal-konvenuti li biha wiegbu illi preliminarjament in-nullita` tal-Avviz attrici fil-konfront tal-eccipjenti Michele Belfiore u Angela Galata stante li huma cittadini Taljani, ma jifhmux bil-lingwa Maltija u kwindi l-Avviz kif formolat ma jsegwix il-voti tal-Ligi ghall-persuni li ma jifhmux bil-Malti.

Minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-eccipjenti fil-kwalita` taghhom individwali m’humiex il-legittimi kontradditturi.

Minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, fil-kuntratt tal-31 ta` Lulju 2003 li fuqu hi bbazata l-azzjoni attrici, l-eccipjenti ma gewx kostitwiti bhala garanti bil-mod li trid il-ligi.

Minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, *dato ma non concesso* li l-eccipjenti gew validament kostitwiti bhala garanti ta` Lennart Ronnie Sjolander, il-garanzija taghhom ma testendix hlief ghal dak li hemm fil-klawsola 6 tal-kuntratt u kwindi lanqas f’din il-kawza m’ huma tenuti jaghmlu tajjeb ghall-ammont reklamat fl-Avviz.

Illi minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-eccipjenti jsostnu li l-kawza ghandha tigi diretta kontra Lennart Ronnie Sjolander bhala debitur u fi kwalunkwe kaz, qed jissollevaw il-beneficcju tal-eskussjoni tal-qsim tad-dejn u kwindi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Sema` x-xhieda ta` Joseph Abela Fitzpatrick u ta` Michele Belfiore.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti.

Sema` t-trattazzjoni ta` Dr Rachel Loporto Montebello ghall-attur u Dr Noel Bartolo ghall-konvenut.

**Ikkonsidra**

Illi permezz ta` skrittura privata tal-31 ta` Lulju 2003, is-socjeta` attrici kriet lil Lennart Ronnie Sjolander il-mobbli u apparat, etc li jinsabu fil-post 124, 125, 126 u 127 Triq il-Kbira, San Giljan u apparti dan, bieghet lill-imsemmi Sjolander stock ta` alcohol, inbid, spiriti u minerali versu l-valur ta` disa` mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm925) li kellhom jithallsu kwantu ghal tlett mitt lira Maltin (Lm300) mall-iffirmar mal-ftehim, tlett mitt lira Maltin (Lm300) fit-30 ta` Awissu 2003 u tlett mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm325) fit-30 ta` Settembru 2003.

M' huwiex kontestat bejn il-partijiet li dan l-ammont ma thallasx.

Il-kwistjoni li qamet f'din il-kawza hija jekk il-konvenuti li wkoll dehru fuq l-isemmija skrittura humiex garanti in solidum mal-imsemmi Sjolander ghall-hlas tal-ammont fuq imsemmi. Fil-ftehim in kwistjoni, fi klawsola 6 hemm miktub hekk:

"It is hereby agreed by and between the parties that the second party (Sjolander) and the guarantor (il-konvenuti odjerni) shall be liable to compensate the first party (l-atturi) for any items mentioned in the inventory which may be missing or damaged upon termination of this agreement."

Fl-iskrittura in kwisjtoni il-konvenuti ma jergghux jissemmew hlief fl-ahhar fejn hemm il-firem taghhom u mal-firem taghhom hemm dawn il-kliem:

"as the guarantor in solidum with the second party for all the obligations arising under this agreement."

Is-socjeta` attrici qeda targumenta illi b'rizultat ta` din l-intestatura mal-firem tal-partijiet, dan ifisser illi l-konvenuti

minbarra li qeghdin jaghmlu tajjeb ghal dak li hemm dispost fil-klawsola 6 fuq imsemmija, qeghdin jaghmlu tajjeb ukoll ghall-obligazzjonijiet kollha assunti, ossia imposti fuq Sjolander fi ‘l fuq imsemmija kawza, kompriz il-hlas tal-merkanzija mertu tal-kawza odjerna.

Da parti taghhom, il-konvenuti qeghdin isostnu illi huma tenuti biss jaghmlu tajjeb ghall-obbligazzjoni kif indikata fi klawsola 6 u li l-firma taghhom fuq id-dokument ma tbiddel xejn mis-sustanza ta’ dak li hemm indikat fl-iskrittura imsemmija.

Illi tajjeb li wiehed jaghmel referenza ghall-Artikoli 1008 sa 1010 tal-Kodici Civili.

**“1008.** Il-klawsoli kollha ta` kuntratt jitfissru l-wahda bl-ohra, billi lil kull klawsola jinghata s-sens illi jidher mill-att kollu.

**1009.** Fid-dubju, il-konvenzjoni tigi mfissra kontra dak li favur tieghu saret l-obbligazzjoni u favur dak illi ntrabat bl-obbligazzjoni.

**1010.** Ghalkemm il-kliem li bihom tkun imfissra konvenzjoni jkunu generali, fil-konvenzjoni ma jidhlux hlief il-hwejjeg li fuqhom ikun jidher li l-partijiet kellhom il-hsieb li jikkuntrattaw.**”**

F’dan ir-rigward ssir referenza ghas-segwenti bran mis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet **‘Dr Joseph Vella Galea vs Joseph Vella’ deciza mill-Qorti tal-Appell fl-1 ta` Lulju 1985**:

“Kif gie deciz minn din il-Qorti, infatti, fil-kawza fl-ismijiet “Vincenti vs Staines”, deciza fil-25 t’ Ottubru 1940, u ripetut fil-kawza fl-ismijiet “Attard vs Borg”, deciza fil-21 ta` Marzu 1941 (Vol. XXXI,I,49), “Hemm lok ta` interpretazzjoni ghalkemm il-kliem ikunu cari, meta mill-istess kuntest ……… ta` l-atti ‘*inter vivos’* ……… l-intenzjoni …….. tal-partijiet tkun tidher manifesta, ghaliex huwa assodat fid-dottrina illi l-Qrati ghandhom jaghmlu l-

interpretazzoni mhux fil-kaz biss li l-kliem ikun oskuri, izda wkoll meta jkun hemm konflitt bejn il-kliem, anke cari, u l-intenzjoni rikavata mill-istess kuntest ……… tad-disposizzjoni tal-bniedem; u dan in forza tal-kanoni ta` l-ermenewtika legali: '*non mens verbis sed verba menti servire debent*' "

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, it-Tribunal jafferma illi fl-iskrittura privata msemmija ma hemm ebda obligazzjoni li specifikatament torbot lill-konvenuti bhala garanti in solidum ma` Sjolander mal-hlas tal-prezz fuq imsemmi. L-unika post fl-iskrittura fejn wiehed jista` jipprova jigbed argument f'dan is-sens huwa vicin l-intestatura tal-partijiet fl-ahhar tal-iskrittura meta jiffirmaw fejn hemm miktuba l-frazi fuq imsemmija.

It-Tribunal huwa tal-fehma illi din il-frazi bl-ebda mod m'ghandha tigi interpretata li tfisser li b'daqshekk il-konvenuti qeghdin jaghmlu tajjeb ghall-obbligazzjonijiet kollha assunti minn Sjolander u ghandha tapplika biss ghall-obbligazzjonijiet naxxenti fil-klawsola numru 6 u xejn aktar.

Fil-ftehim fuq imsemmi, l-unika parti tieghu fejn il-garanti qieghed marbut in solidum ma` Sjolander hija l-klawsola numru 6 fuq imsemmija u fl-ebda parti ohra. Fil-ftehim fuq imsemmi l-konvenuti bl-ebda mod m'huma qeghdin jaghmlu tajjeb ghall-hlas tal-bilanc ta` prezz tal-merkanzija mertu tal-kawza u ghalhekk ma jidhirlux li jista` jigi argumentat b'success li l-frazi "*as the guarantor in solidum with the second party for all the obligations arising under this agreement*" indikati fejn il-firma tal-partijiet ghandha tirreferi wkoll ghall-obbligazzjonijiet kollha li assuma Sjolander u mhux ghal dawk indikati fil-klawsola numru 6. Illi din l-frazi ghandha tigi interpretata u applikata fid-dawl tas-sustanza kollha tal-iskrittura u m'ghandhiex tigi ezaminata *in vacuo.* Fil-kuntest tal-iskrittura s-sens jghidlek illi l-imsemmija frazi ghandha tigi meqjusa fid-dawl ta dak hemm dispost fil-klawsola 6 u mhux ghall-kumplament tal-ftehim.

Illi ghalhekk ir-raba` eccezzjoni tal-konvenuti tisthoqq li tigi milqugha u mhux il-kaz li t-Tribunal jidhol fil-fondotezza o` meno tal-eccezzjonijiet l-ohra sollevati.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa` r-raba` eccezzjoni sollevata mill-konvenuti, jichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------